newsbook.com.mt

LOKALI

# BirdLife tgħallem liż-żgħażagħ jirrispettaw l-ambjent

*Josianne Camilleri - 03/03/17 05:02 PM*



Bis-saħħa tal-inizjattiva edukattiva tagħha *Lifelong Learning through Nature*, BirdLife Malta qed taħdem biex tfal u żgħażagħ jiġu mgħallma jirrispettaw l-ambjent fl-istil ta' ħajja li jgħixu, apparti li jirrelataw aktar man-natura.

L-inizjattiva ta' BirdLife Malta hi proġett mifrux fuq tliet snin iffinanzjat minn fondi tal-Erasmus+ u tfassal biex jiżviluppa riżorsi għal edukazzjoni ambjentali u edukazzjoni marbuta mal-iżvilupp sostenibbli.

Dan qed isir bl-użu ta' riċerka li turi kemm it-tagħlim barra mill-klassi flimkien mal-fatt li wieħed jirrelata man-natura huma importanti għas-saħħa, il-ħajja sana u l-edukazzjoni.

Il-proġett qed jaħdem mill-qrib ma' tfal u studenti mis-snin bikrija sal-Post-Sekondarja permezz ta' attivitajiet edukattivi formali u informali li jixhdu l-importanza tat-tagħlim barra mill-klassi.

Bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, dan il-proġett qed jitmexxa b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u ma' tliet imsieħba internazzjonali: ir-Royal Society for the Protection of Birds (RSPB) tar-Renju Unit, BirdWatch Ireland, u l-Polish Society for the Protection of Birds (OTOP).

Id-dettalji tal-inizjattiva ġew preżentati waqt il-World Symposium on Lifelong Learning and Sustainable Development fl-Università fil-Belt Valletta.

Share on Facebook

Share on Twitter

1 Comment Newsbook Login

Recommend Share Sort by Best

Join the discussion…

**In-Naħla** • a month ago

Ma nixtieqx inkun polemikuz, imma dawn tal-Birdlife filwaqt li jagħmlu tajjeb jgħallmu liz-zgħazagħ jirrispettaw l-ambjent, tagħllem ukoll anzi takkuza wkoll lill-kaċċaturi ( inkluzi dawk li josservaw il-liġi ) huma qattiela krudili li jieħdu gost jeqirdu t-tajr u l-ambjent.

Dan esperjenzajnieħ diversi drabi waqt li persuni mil-Birdlife taf lezzjonijiet fl-iskejjel. Waqt dawn il-lezzjonijiet it-tfal ingħataw l-impressjoni li missirijiethom huma qattiela u vandali li jeqidru l-ambjent.

1 • Reply • Share ›

Subscribe Add Disqus to your site Add Disqus Add Privacy